**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 25 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 443/00**

**Godwin Falzon u Alfred Falzon f'isimhom propju u ghall-HLB Falzon & Falzon**

**Vs**

**Raymond Coleiro f'ismu propju u ghall-Advance Furniture**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u erba' u hamsin lira Maltija (Lm254) flimkien mal-imghax legali mill-31 ta' Jannar 2000, import ta' drittijiet professjonali u spejjez in konnessjoni ma servizzi professjonali ta' accountancy u audit minnhom rezi fuq inkarigu tieghu, kif jidher mill-prospett (Dok. A).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Jannar, 2000, u hames liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm5.75) tal-ittra legali tat-2 ta' Dicembru, 1998, kontra l-konvenut.

Bil-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti u semghet bil-gurament lil Joseph Galea prodott mil-kumpanija attrici; issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U l-Qorti qieghda ghalhekk tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi proprio et nomine s-somma mitluba ta' mitejn erbgha u hamsin lira Maltin (Lm254) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-31 ta' Jannar 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S.Farrugia                                                                                    Magistrat
Dep/Reg